MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 618/1998/1

**Maltacom PLC**

**Vs**

**Anna Maria Sammut u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2001 gie konfermat Anthony Sammut bhala kuratur sabiex jirrapresenta lil eredita giacenti tal-mejta Anna Maria Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex tkun ikkundannta li thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija u wiehed u sittin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmi (Lm661.78c0) rapprezentanti ammonti arretrati dovuti mill-konvenut lill-istess attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 370929 skond l-istatement anness mal-avviz (Dokument A), u dan wara

t-talba tal-konvenut ghall-istallazzoni ta' linja tat-telefon (Dokument B).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Ottubru 1997, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi a fol 9 u fol 10 u markati Dok A u Dok B.

Rat in-nota a fol 38 tal-atti kif ukoll id-digriet relattiv moghti fit-22 ta' Mejju 2000 a fol 33 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut kuratur ghall-eredita gjacenti tal-mejta Anna Maria Sammut (fol 44 ibid) u li biha espona bir-rispett:

1. Illi sa fejn jaf hu n-numru tat-telefon tal-mama' tieghu il-mejta Anna Maria Sammut kien 370502 skond kif jidher mid-Direttorju tat-Telefons ghas-sena 1998. Kopja tal-pagna relevanti annessa man-nota tal-eccezzjonijiet u mmarkata bhala Dok A;
2. Illi dan in-numru 370929 li dwaru qieghed jintalab il-hlas ta' Lm661.78 ma jafx bih;
3. Illi jsegwi illi l-mama' tieghu ma kellha l-ebda kontijiet xi thallas u ghaldaqstant jitlob bir-rispett li jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;
4. Bl-ispejjez.

Rat kif ukoll id-dokument anness a fol 45 ibid.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi kif xehed l-uniku xhud prodott mis-socjeta attrici, David Buttigieg (fol 49 u 50 ibid) li esebixxa, ukoll, id-dokumenti a fol 52 sa fol 55 tal-atti hu beda biex jirreferi ghall-ftehim li kien fit-30 ta' Jannar 1984 bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta, mejta, liema ftehim kien jirreferi ghan-numru ta' servizz ta' telefon 33984, istallat fil-post "Wild Thyme", Saint Andrew's Road, San Giljan (fol 52 ibid).

Sussegwentement fis-26 ta' Dicembru 1984, kienet saret applikazzjoni ghat-trasferiment ta' dan is-servizz ta' telefon ghall-post ossija appartament numru 2, Triq l-Gharbiel, Swieqi ossija Triq Saint Andrew's f'San Giljan (fol 53 ibid). Sussegwentement ghall-habta ta' Awissu 1991, l-imsemmi numru kien gie mibdul ghal dak imsemmi fl-avviz cjoe 370929. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu, ix-xhud spjega b'referenza ghal kopja mid-direttorju tat-telefon esebit a fol 45, illi in-numru markat fuq l-istess dokument mill-Qorti kien jirreferi ghal appartament iehor bin-numru wiehed (1) li kien, ukoll, registrat fuq il-konvenuta mejta, u li, filfatt, jidher li kellu n-numri msemmija fl-eccezzjonijiet sottomessi. Inoltre, hu kkonferma illi l-ammont kollu specifikat fl-avviz kien ghadu dovut (ara fol 55 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-istess Anthony Sammut, bin il-konvenuta mejta xehed (fol 58 et seq ibid) illi skond hu, ommu kienet tirrisjedi, mhux f'appartament izda f'dar bl-isem ta 'Marvin' u, dejjem skond hu, kellha n-numru tat-telefon bhala 370502. Dwar dan il-punt hu esebixxa l-kont, imhallas, u li jinsab a fol 67 tal-atti. Pero jigi notat illi dan il-kont jirreferi ghal servizz ta' telefon numru 370502 istallat fil-post numru wiehed (1) u mhux tnejn (2) kif hemm specifikat fl-avviz u kif gie spjegat u kjarifikat, b'mod car, mix-xhud David Buttigieg.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak premess jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta waqt li ghandu jigi dikjarat li dak eccepit mill-konvenut hu insostenibbli fid-dawl tal-provi kif esposti u l-fatti risultanti minnhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut fil-kwalita' tieghu premessa sabiex jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm661.78,0 bl-imghax legali mill-14 ta' Ottubru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Ottubru 1997.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------